Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53

Data tal-laqgħa: 18 ta' Ottubru 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

Il-laqgħa ma xxandrietx *live* fuq l-*internet* u lanqas ġiet rekordjata peress li kien hemm l-apparat bil-ħsara.

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

53.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

53.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 52. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

53.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati. Il-Kunsillier Andrè Grech astjena peress li ma kienx attenda għal Laqgħa Nru. 52.

## 53.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

53.3.1 <u>Para 52.12.6 – Tneħħija ta' Ġebla antika fi Triq Il-Kbira k/m Triq Santa Marija</u>
Ġiet innutata r-risposta tal-Perit fejn qal li b'*bollard* il-bankina xorta se tkun ostakolata. Ġie rrimarkat li għallinqas *bollard* jidher aktar u għalhekk ser jiġi ċċekkjat mal-avukat jekk is-solviex il-problema mill-att legali.

53.3.2 <u>Para 52.3.2 – Mwejjed u siġġijiet</u>
Ġiet innutata t-tweġiba tal-MTA. Is-SE infurmat li l-avukata ser titlob lill-MTA biex jipprovdulna d-dettalji li għandhom.

53.3.3 <u>Para 52.4.4.1 - Taxi stand quddiem il-Corinthia</u>
Wara lis-SE kitbet lill-TM, infurmawna li qed jiddiskutu mal-Corinthia biex jiġi kkjarifikat jekk dik iż-żona hiex privata jew le.

53.3.4 <u>Para 52.3.6 - Ismijiet ta' toroq</u>
Is-Sindku infurma li għad trid tintbagħat l-ittra lir-residenti tat-toroq ikkonċernati. Is-Sindku talab apoloġija lill-Kunsill minħabba d-dewmien peress li kien impenjat fuq affarijiet oħra.

53.3.5 <u>Para 52.3.9 - Ħofor fi Triq il-Providenza</u>
Is-SE infurmat li sfortunatament ma jista' jsir xejn ijed mill-ħaddiema tal-Kunsill biex itejjeb il-kundizzjoni tat-triq.

53.3.6 <u>Para 52.3.11 - Sinjali ġodda kontra l-ħmieġ tal-klieb</u>
Is-SE infurmat li l-i*stickers* ġew ordnati u meta jkunu lesti l-i*stickers* l-antiki ser jiġu mibdula.

53.3.7 <u>Para 52.4.2 - Trinka fi Vjal De Paule</u>
Is-Sindku infurma li fakkar lis-Sur Ivan Falzon (IM) b'din il-problema, fejn qed jinsistu mal-Enemalta biex jirranġawha.

53.3.8 <u>Para 52.12.4 - Ħsara fil-katusi tad-drenaġġ ta' dar fi Triq il-Kbira</u>
Is-Sindku infurma li tkellem mal-Perit tal-Kunsill dwar dan l-ilment, fejn ta l-parir li, din hija xi ħaġa privata u għalhekk il-ħsara għandha tissewwa mir-resident. Ser jiġi ċċekkjat mill-aspett legali min hu responsabbli jirranġa l-ħsara.

## 53.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

53.4.1 <u>Laqgħa mas-CEO ta' IM</u>

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-Sur Ivan Falzon fejn kien ikkonfermat li bejn l-2023 u l-2024, IM ser ikunu qed jagħmlu Triq Idmejda, Triq Sisner, Triq il-Kbira u Triq San Franġisk (il-parti t'isfel).

53.4.2 Kiri ta' vettura biex tintuża mill-*Community Police*
Is-Sindku infurma li din il-kwistjoni tinsab *on-hold* minħabba nuqqas ta' qbil bejn il-*Community Police* u xi Kunsilli kkonċernati.

53.4.3 *Parking* illegali fil-Pjazza
Is-Sindku infurma li l-*Community Police* qed tissuġġerixxi li tiċkien l-bankina li hemm quddiem Kola Store u jsiru żewġ *un/loading bays* għax vannijiet tad-*delivery* qed jipparkjaw fin-nofs. Din it-talba ma ġietx approvata. Ġie rrimarkat li skond il-*policy* ta' TM, ikun hemm *un/loading bay* għal kull sitt (6) ħwienet.

53.4.4 Stedina – Ambaxxata Spanjola
Is-Sindku infurma li l-ġimgħa l-oħra kien mistieden għal attività organizzata mill-Ambaxxata Spanjola, però ma setgħux jattendu għax kienu msiefrin.

53.4.5 Wirja fuq l-istorja navali – Ambaxxata Spanjola
Is-Sindku infurma li kellu laqgħa mal-Ambaxxatur ta' Spanja, fejn laqqgħu ma' wieħed mill-istaff li qed jieħu ħsieb wirja fuq l-istorja navali li jixtiequ juru fil-lokalità. Il-Kunsillier Stephen Gatt se jieħu ħsieb jikkoordina magħhom.

53.4.6 *Town Twinning* – Ambaxxata Spanjola
Is-Sindku infurma wkoll li semmewlu t-talba li kien għamel il-Kunsill għal Ġemellaġġ, fejn infurmawh li jinsabu pożittivi li x'aktarx ġiet identifikata lokalità li potenzjalment ikun jista' jkun ġemellat ma' Ħal Balzan.

53.4.7.1 Triq San Franġisk
Is-Sindku infurma li resident qed jerġa' jitlob biex issir bankina quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq San Franġisk (faċċata tal-iskola), minħabba s-*safety* x'ħin joħorġu mid-dar peress li m'hemmx bankina.

53.4.7.2 Ġie rrimarkat li l-Kunsill preċedenti kien applika għal permess ma' TM u ma ġietx approvata peress lit-triq dejqa. Kien hemm qbil li niktbu lill-TM biex ninfurmawhom b'dan il-periklu u jgħidulna x'jista' jsir.

53.4.7.3 Il-Kunsillier Stephen Gatt talab li ssir *crash barrier* fil-kantuniera ma' Triq Birbal. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' TM.

53.4.8 Triq B. Bontadini
Is-Sindku talab li ssir *speed limit road marking* fi Triq B. Bontadini viċin l-i*stop sign.* Is-Sindku qal li l-*Community Police* ġew infurmati bil-problema ta' *speeding* fil-lokalità.

## 53.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

53.5.1 Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano staqsa jekk hemmx xi *update* fuq il-bankina ta' Triq il-Karenza. Is-SE ser tiċċekkja u taġġorna lill-Kunsilliera.

53.5.2.1 Il-Kunsillier Andrè Grech talab li, issa li l-kumpanija GoTo waqfet topera, jitneħħa l-parkeġġ riservat għalihom (fejn Smugglers, Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina u Triq il-Ferrovija l-Qadima) u jerġgħu isiru *parking bays* normali. Il-Kunsill qabel li jitneħħew u ser titħalla *parking bay* waħda (minn tnejn) fejn Smugglers peress li din tinkludi *charging station*.

53.5.2.2 Il-Kunsill talab ukoll li r-*reserved* tal-Lombard Bank li kien fil-Wied ta' Ħal Balzan issir *parking bay.*

## 53.6 Rapporti

53.6.1.1 Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2022
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2022. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet u rrisponda xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

53.6.1.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Andrè Grech, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

53.6.2.1 <u>*Collection of Bulky Refuse in an environmentally friendly manner* – BLC 01/2022 - Aġġudikazzjoni</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 01/2022.

53.6.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-offerta ta' *Malta Recycle and Waste Collection Ltd* u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvati.

## 53.7 Skemi Finanzjarji

53.7.1.1 <u>SPI/SCI/08/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022</u>
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ġietx approvata.

53.7.1.2 Il-Kunsill approva li jiffinanzja l-ispiża kollha biex l-attività ssir xorta. Il-Viċi Sindku assentat ruħha mid-deċiżjoni peress li għandha kunflitt ta' interess peress lit-tifel tagħha huwa membru tat-Tikka Banda.

53.7.2.1 <u>Għajnuna Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Libreriji</u>
Is-SE infurmat li l-Kunsill ser ikun qed jibbenifika minn €2,500 biex jintużaw għax-xiri ta' kotba, xkaffar u inizjattivi oħra relatati mal-librerija.

53.7.2.2 Il-Kunsill qabel li l-fondi allokati jiġu investiti f'*e-books*. Is-Sindku ser ikun qed jiġbor aktar informazzjoni.

53.7.3 <u>Skema maħruġa mill-LESA – Proġetti fil-Komunitajiet</u>
Ġiet innutata Skema Finanzjarja maħruġa mill-LESA. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw biex isir il-proġett ta' Triq il-Qarċilla.

53.7.4 <u>Skema maħruġa mill-MDIA – *Innovative Technology in Local Communities*</u>
Ġiet innutata Skema Finanzjarja maħruġa mill-MDIA. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw biex issir *mobile app,* biex ir-residenti jkollhom il-possibiltà li jużaw numru ta' servizzi tal-Kunsill (ilmenti, *bulky refuse,* etc) minnha.

## 53.8 Vakanza ta' Skrivan (Skala 15)

53.8.1 Is-SE infurmat li l-persuni eliġibbli li kienu fil-lista provduta mill-Jobsplus kellhom sat-3 ta' Ottubru 2022 biex japplikaw. Is-SE qalet li l-Jobsplus infurmawna biex nagħmlu użu mil-lista provduta għaż-żewġ (2) vakanzi.

53.8.2 L-intervisti ser isiru nhar l-Erbgħa, 2 ta' Novembru 2022 u l-Bord tal-għażla ser ikun magħmul minn:

- Sindku Dr Angelo Micallef
- Viċi Sindku Mary Louise Briffa
- Kunsillier Stephen Gatt
- Kunsillier Oliver Nicholas De Gaetano
- Segretarju Eżekuttiv

**F'dan il-ħin (5.21pm) il-Kunsillier Stephen Gatt talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

## 53.9 Jum Ħal Balzan 2022

53.9.1 Is-Sindku beda billi irringrazzja lill-Viċi Sindku talli ħadet ħsieb l-organizzazzjoni tal-attività.

53.9.2 Il-Viċi Sindku infurmat li kien hemm xi kwistjoni minħabba li l-attività se ssir fi Triq l-Annunzjata minflok fil-Pjazza. Ġie rrimarkat li TM ma tawniex permess nagħlqu l-pjazza minħabba x-xogħlijiet li qed isiru f'Naxxar Road u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li ssir fi Triq l-Annunzjata.

53.9.3 Il-Każin tal-Banda Filarmonika M A talbu li jagħmlu spettaklu bil-karti minflok nar għax minn Triq l-Annunzjata n-nar ma jidhirx. Is-Sindku qal li tahom permess bil-kundizzjoni liż-żona tinkines għas-spejjeż tagħhom.

53.9.4 Issemma li l-Kunsill għadu ma sabx *compere*. Is-Sindku, fuq talba tal-Kunsillier Andrè Grech ħareġ mill-kamra. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Andrè Grech, li kien is-sekondat mill-Viċi Sindku, unanimament ġie approvat li, f'każ li l-Kunsill ma jsibx, toqgħod *compere,* il-mara tas-Sindku.

53.9.5 Is-Sindku daħal lura għal-laqgħa, u wara li ġie kkomunikat b'din id-deċiżjoni, qal li każ li ma nsibux, il-mara tiegħu toqgħod *compere* mingħajr ħlas.

## 53.10 Proġett ta' e*mbellishment* fi Triq il-Qarċilla - Aġġornament

53.10.1 Ġiet innutata l-istima dettaljata tal-proġett, li tammonta għal madwar €87K. Fiha tinkludi l-ammont ta' madwar €17K, biex jingħata l-aħħar saff ta' asfalt tat-triq peress li dan irid jingħata wara li jsir il-proġett.

53.10.2 Is-SE infurmat li se tkun qed tipprepara biex toħroġ is-sejħa għall-offerti, hekk tirċievi l-i*specifications* mingħand il-Perit. Kien hemm qbil li jekk l-applikazzjoni għall-iskema tal-LESA ma tiġix approvata, il-Kunsill ser japplika biex dan il-proġett isir mid-DPF tal-PA.

53.10.3 Il-Kunsill qabel li nibgħatu l-istima lill-IM biex niċċekkjaw jekk humiex se jkopru l-ispiża tal-aħħar saff asfalt, peress li ma kienx sar meta kienu qed jagħmlu t-triq.

## 53.11 *Embellishment* f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

53.11.1 Dan il-proġett se jiġi diskuss aktar 'il quddiem, meta jkollna risposta mill-GreenPak dwar iż-żona tal-Bring-in-Site. Is-SE ser tkun qed tibgħat *reminder* lill-GreenPak.

## 53.12 PA/08693/20 – *Park Lane*

53.12.1 Is-Sindku infurma li, kif maqbul permezz tal-*emails,* se jiddaħħal appell wieħed bejn kulħadd. Kopja tal-appell ser tintbagħat lill-Kunsilliera permezz ta' *email*.

53.12.2 L-ispiża biex jiġi sottomess l-appell, li ser titħallas mill-Kunsill hija ta' €1,050 (peress li hemm NGO involuta).

53.12.3 Ġie rrimarkat li kien hemm reazzjoni pożittivi mir-residenti, dwar din id-deċiżjoni.

## 53.13 *E-scooter parking*

53.13.1 Il-Kunsillier Andrè Grech issuġġerixxa li napplikaw ma' TM biex ir-*reserved parking* tal-Lombard isir *reserved* for *e-scooters*. Il-Kunsill approva.

53.13.2 Din l-*item* se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

53.13.3 Fuq nota differenti, il-Kunsill approva li napplikaw biex issir *bike rack* fi Triq Ġuże' Bonniċi (fid-daħla fejn kien hemm il-*bus shelter*.

## 53.14 *Traffic Management* fi Triq il-Kannizzata u Triq il-Ferrovija l-Qadima

53.14.1 Ġiet diskussa s-sitwazzjoni problematika tat-traffiku fi Triq il-Ferrovija l-Qadima u l'madwar. Ġie nnutat li fl-aħħar snin saru bidliet fl-inħawi li wasslu għal żieda fit-traffiku.

53.14.2 Il-Kunsill qabel li din is-sitwazzjoni teħtieġ is-sehem ta' esperti tat-traffiku sabiex ikun assigurat li tiġi implimentata sistema li taħdem b'mod effettiv. Għalhekk il-Kunsill unanimament approva li jqabbad *traffic management consultant* sabiex jiġi mfassal pjan ħolistiku għall-inħawi.

53.14.3 Il-Kunsillier Andrè Grech, bl-għajnuna tal-Kunsill kollu se jkun qed jieħu ħsieb din l-inizjattiva.

**Is-Sindku ippropona li tiġi sospiża l-*Agenda* u jiġi diskuss *item* 53.16 peress li Kunsillier kien sarlu l-ħin biex jitlaq. Il-Kunsill unanimament approva.**

## 53.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

53.16.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 10/22, li tinkludi l-ammont ta' €33.10c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Settembru 2022.

53.16.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Andrè Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

53.16.3 Minħabba kunflitt ta' interess, il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa assentat ruħha mill-approvazzjoni tal-pagament nru. 55 (transazzjoni nru. 214/22) peress lit-tifel tagħha huwa membru fit-Tikka Banda.

**F'dan il-ħin (5.50pm) il-Kunsillier Andrè Grech talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

## 53.15 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

53.15.1.1 Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' power wash
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill tliet (3) kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *power wash* li taħdem bl-elettriku u tliet (3) kwotazzjonijiet ta' *power wash* li taħdem bil-*petrol*.

53.15.1.2 Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta' *power wash* li taħdem bil-petrol ta' Zahra Enterprises.

53.15.2.1 Pjan ta' Ħidma 2023-2025 – Infrastructure Malta
Ġiet innutata ittra mibgħuta minn IM. Kull sena, il-Kunsill ser ikun allokat 5,000m$^2$ ta' toroq fil-konfini amministrati minna sabiex jinbnew mil-ġdid (inkluż il-bankini). Il-Kunsill qed jiġi mistieden jipproponi t-toroq li huma ta' prijorità.

53.15.2.2 Bit-toroq li IM ikkonfermaw li se jkunu qed jagħmlu: Triq Idmejda, Triq Sisner, Triq il-Kbira u Triq San Franġisk (il-parti t'isfel), jkun jonqos madwar 1,000m$^2$ oħra. U għalhekk il-Kunsill ser ikun qed jipproponi li ma' dawn it-toroq isiru wkoll Triq il-Kardinal Cardijn u Triq Ġulju Cauchi.

53.15.3 *European Week for Waste Reduction* 2022
Ġiet innutata *email* mibgħuta minn WasteServ dwar il-EWWR 2022. Is-Sindku ssuġerixxa li nieħdu sehem billi fil-ġimgħa ta' bejn id-19 u 27 ta' Novembru 2022, issir ġabra ta' kutri biex jingħataw lill-santwarji tal-klieb u l-qtates. Il-Kunsill approva.

53.15.4.1 *Parking bay* fi Buontempo Estates
Resident qed jilmenta dwar il-*parking bay* li ġiet imċekkna skond kif mitlub minn TM.

53.15.4.2 Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-TM b'dan l-ilment.

## 53.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

53.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm.

53.17.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 22 ta' Novembru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |